## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs.**

**Alfred Attard**

Kaz Numru: 507/2016

Illum 18 ta' Ottubru 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfred Attard**, iben Michael u Doris nee' Zammit, imwieled fit-30 ta' Frar 1965, residenti fil-fond numru 47, Triq Felic, Bormla, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 367665(M), akkuzat talli nhar it-2 ta' Gunju 2016 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (5:00p.m.) u/jew fil-hin u l-granet ta' qabel, waqt li kien fil-Gzira ta' Ghawdex:

1. Wara li kien ikkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu ghandu mfietah imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew jinsabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sidisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Sermghet il-provi;

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat stqarr li kien tela' Ghawdex biex jistad ma' habib tieghu u l-kaxxa tal-ghodda li nstabet mill-Pulizija kienet tintuza ghat-tiswija tal-karozzi li jaghmel fil-hin liberu tieghu u l-flus li nstabu fuqu kienu tar-relief u bonus.

Il-Qorti ma temminx li l-imputat tela' biex jistad Ghawdex u l-Pulizija ghamlet sewwa li hadet passi wara suspett ragonevoli li kellhom.

Fid-dawl ta' dan kollu jibqa' f'mohh il-Qorti *"lurking doubt"* dwar il-htija tal-imputat u hija ghalhekk tal-fehma li ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubju fir-rigward ta' dak li stqarr li l-ghodda li kellu kienet ghat-tiswija tal-vetturi u mhux biex jisraq u dan wara li l-

Qorti staqsiet lilha nnifisha: min jisraq ha jmur jaghmel dan b'kaxxa tal-ghodda shiha? Min imur jisraq ma jkollux fuqu lieva?

L-imputat ta spjegazzjoni u l-Qorti mhix konvinta li tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat;

**Decide:**

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**